# IL-PJAN TAL-LEZZJONI - 6.7

**Kap 6: Iċ-ċirku ta' Ġewwa**

**Lezzjoni 6.7: Mudelli ta' veri ħbieb- dawn ħabbew tassew lil ħbiebhom**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jirrakkuntaw stejjer ta' nies li ħabbew tassew u li mxew fuq il-passi ta' Ġesù bħal Massimiljanu Kolbe.
2. Jifhmu kif dan ħabb tassew meta mexa fuq il-passi ta' Ġesù.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

== Massimiljanu Kolbe

ppt:http://www.youtube.com/watch?v=rWzpCHNAaFM

== Kant: I'm Trying to Be like Jesus

http://www.youtube.com/watch?v=hFkOBuPTeTs

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

== Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi:

= X'għandna nagħmlu biex insalvaw?

= Taf lil xi ħadd jew xi qaddis li ħabb tassew u li mexa fuq il-passi ta' Ġesù?

==Uri r-ritratt ta' Massimiljanu Kolbe u staqsi jekk jafux min hu.

== Uri l-ppt u spjega ftit il-ħajja tiegħu.

== Uri din il-clip.
http://www.youtube.com/watch?v=rWzpCHNAaFM fejn għandek siltiet mill-ħajja tiegħu. Jekk taħseb li m'għandekx turih, turihx għax hemm xeni li jistgħu jkunu impressjonanti għat-tfal.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

== Staqsi u oħloq diskussjoni dwar il-clip u wara emfasizza l-imħabba lejn il-proxxmu.

Noti għall-għalliema
San Massimiljan Marija Kolbe
(1894-1941)
14 ta' Awwissu

Rajmond, kif kien jismu l-qadis qabel daħal reliġjuż, twieled Zdunska Wola fil-Polonja fl-1894. Meta kien għadu żagħżugħ daħal mal-Franġiskani Konventwali u ħa l-isem ta' Fra Massimiljan Marija. Temm l-istudji tal-filosofija u t-teoloġija f'Ruma, fejn waqqaf il-Milizzja ta' Marija Immakulata meta kien għadu student fil-kulleġġ internazzjonali ta' l-Ordni f'Ruma. Malli ordna saċerdot reġa' lejn il-

Polonja fejn intefa' b'ħeġġa li ma bħalha fil-ħidma pastorali. Ħajtu tingħażel għaliha għall-imħabba ħerqana li kellu lejn l-Immakulata u għall-appostolat Marjan. Meta mar fil-missjoni tal-Ġappun, San Massimiljan ħaddem kemm felaħ il-kelma u l-istampa għat-tixrid tal-Fidi Nisranija. Meta mbagħad reġa' lejn il-Polonja, huwa kompla l-ħidma Marjana fi Niepokalanow, il-Belt ta' l-Immakulata, li waqqafha hu stess. Fi żmien it-tieni gwerra dinjija kien arrestat u meħud fil-kamp ta' Oswiecim (= Auschwitz). Hemm, b'għemil għoli ta' mħabba, offra ħajtu bi bdil ma' dik ta' wieħed mill-priġunieri sħabu, missier ta' familja. San Massimiljan temm ħajtu fil-bunker tal-mewt lejlet l-Assunta, fl-14 ta' Awwissu 1941. Fl-1971 il-Papa Pawlu VI kiteb lil Kolbe mal-Beati, filwaqt li fl-10 ta' Ottubru 1982 il-Papa Ġann-Pawl II kitbu mal-qaddisin martri, għad li bħala beatu kien meqjus b'konfessur, u għażlu bħala "patrun ta' daż-żminijiet imqallba." San Massimiljan huwa l-ewwel vittma ta' l-aħħar gwerra li nagħtat il-ġieħ ta' l-altari u nagħrfet bħala Martri ta' l-Imħabba mill-Knisja Universali.

== Oħloq diskussjonu dwar il-karattru ta' dan il-bniedem kbir u iddiskuti kif nistgħu nixbhuh.

== Agħlaq il-lezzjoni billi ssemma' s-song: I'm trying to be like Jesus.

== Spiċċa billi tenfasizza li tkun bħal Ġesù jfisser li tħobb tassew.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

== L-aktar punti importanti mill-ħajja tagħhom hu li wrew li jekk ikollna lil Alla magħna, jkollna lil min nafdaw u min jieħu ħsiebna.

== Noqoqgħdu attenti li dak li nagħmlu, nagħmluh bl-imħabba, bil-ferħ u anke jekk hemm bżonn bit-tbatija.

**Nagħżlu flimkien (L-Attitudni)**

Ejja naħdmu biex ma nibżgħu qatt ngħidu u nagħmlu s-sew.

**Nitolbu bħal Massimiljanu Kolbe**

Ħallini nfaħħrek, Verġni l-aktar qaddisa.
Ħallini nfaħħrek bl-impenn u s-sagrifiċċju tiegħi personali.
Ħallini ngħix, naħdem, inbati, ninħela u mmut għalik biss.
Ħalli lill-oħrajn jgħadduni fil-ħeġġa biex niġu għal għandek Mulej!
Ammen.